

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 68/2014

tas-27 ta' Jannar 2014

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 141/2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fir-rigward tal-istatistika bbażata fuq l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS) minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 141/2013⁽²⁾ jipprevedi d-daqs minimu effettiv tal-kampjun, ikkalkulat fuq l-assunzjoni ta' teħid aleatorju sempliċi tal-kampjuni.
- (2) Jeħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 141/2013 jiġi adattat biex tittieħed inkunsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Kroazja.

(3) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 141/2013 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 141/2013 għandu jinbidel bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 141/2013 tad-19 ta' Frar 2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fir-rigward tal-istatistika bbażata fuq l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS) (ĠU L 47, 20.2.2013, p. 20).

ANNEX

"ANNEX II

Id-daqs tal-kampjuni finali li jridu jinkisbu

	Persuni minn 15-il sena 'l fuq li jridu jiġu intervistati
L-Istati Membri tal-UE	
Il-Belġju	6 500
Il-Bulgarija	5 920
Ir-Repubblika Ċeka	6 510
Id-Danimarka	5 350
Il-Ġermanja	15 260
L-Estonja	4 270
L-Irlanda	5 057
Il-Greċja	6 667
Spanja	11 620
Franza	13 110
Il-Kroazja	5 000
L-Italja	13 180
Ċipru	4 095
Il-Latvja	4 555
Il-Litwanja	4 850
Il-Lussemburgu	4 000
L-Ungerija	6 410
Malta	3 975
Il-Pajjiżi l-Baxxi	7 515
L-Awstrija	6 050
Il-Polonja	10 690
Il-Portugall	6 515
Ir-Rumanija	8 420
Is-Slovenja	4 486
Is-Slovakkja	5 370
Il-Finlandja	5 330
L-Isvezja	6 200

	Persuni minn 15-il sena 'l fuq li jridu jiġu intervistati
Ir-Renju Unit	13 085
It-Total tal-Istati Membri tal-UE	199 990
L-Isvizzera	5 900
L-Islanda	3 940
In-Norveġja	5 170
It-Total li jinkludi l-Isvizzera, l-Islanda u n-Norveġja	215 000"